IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2019
COM(2019) 243 final

2019/0117 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Is-soltu, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma mfasslin skont l-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikulari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni li tisfrutta b'mod sostenibbli r-riżorsi akkwatiċi ħajjin ġejjin mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku l-ġdid dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikawx.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis il-kummenti li l-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet mhux

governattivi għamlu matul is-sena, u l-kummenti tagħhom tqiesu meta kienu qed jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Il-proposta tissejjes fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) u tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (is-STECF)[1].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikawx.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhu se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti għandhom l-għan li jemendaw ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 kif deskritt hawn taħt.

L-isforz tas-sajd għall-bastimenti fil-kuntest tal-irkupru ta' ċerti stokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u tal-iskampu fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES, minbarra l-Golf ta' Cádiz

Il-Pjan Pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent, li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 2019, ħassar il-pjan għall-irkupru tal-merluzz tan-Nofsinhar u tal-iskampu. Il-limiti tal-isforz tas-sajd mogħtija fl-Anness II tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd kienu ġew stabbiliti skont dak il-pjan ta' rkupru. Minħabba li l-istokkijiet ikkonċernati se jibdew jiġu ġestiti skont id-dispożizzjonijiet tal-Pjan Pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent billi jiġu stabbiliti limiti tal-qbid li jkunu fil-meded tar-rendiment massimu sostenibbli (l-MSY), ma għadx hemm bżonn ikomplu jiġu stabbiliti limiti tal-isforz tas-sajd għall-flotot li jistadu għal dawk l-istokkijiet. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II jitħassar.

Il-merlangu fil-Baħar Irlandiż (id-diviżjoni 7a tal-ICES)

Il-Kummissjoni talbet lill-ICES għal analiżi xjentifika aġġornata dwar il-livell tal-"qabdiet aċċessorji tal-merlangu fil-Baħar Irlandiż li ma jistgħux jiġu evitati" u rċevitha. Skont din l-analiżi, mistennija jkun hemm iktar qabdiet aċċessorji tal-merlangu fil-kuntest tas-sajd għal ħut ieħor jekk dak is-sajd isir skont il-livell tar-rendiment massimu sostenibbli. Madankollu, il-parir aġġornat dwar il-qbid tal-merlangu fid-diviżjoni 7a għadu jirrakkomanda li ma jkun hemm l-ebda qbid tiegħu fl-2019 minħabba li r-rata ta' mortalità mis-sajd u l-livell tal-bijomassa tiegħu għadhom ma laħqux livell sostenibbli. Għalhekk il-proposta tal-Kummissjoni tilħaq bilanċ bejn il-fatt li tippermetti żieda fil-qabda totali permissibbli tal-

[1] http://www.ices.dk/community/advisory-process/Pages/Latest-advice.aspx.

merlangu sabiex l-istaġun tas-sajd għalih ma jingħalaqx kmieni u l-fatt li, fl-istess ħin, tħalli l-bijomassa tal-istokk riproduttiv tiżdied.

L-iskampu fid-diviżjoni 8c tal-ICES

Fit-28 ta' Marzu, l-ICES ħareġ il-parir tiegħu dwar is-sajd sentinella għall-iskampu fl-unità funzjonali 31 fid-diviżjoni 8c tiegħu. Skont il-parir tal-ICES, ma għandu jinqabad l-ebda skampu minħabba li l-istħarriġ televiżiv li jsir taħt il-baħar sabiex tiġi mmonitorjata l-abbundanza tal-istokk isir mingħajr ma jittieħed il-ħut. Madankollu, l-ICES irrakkomanda li, jekk ma jkunx jista' jsir stħarriġ televiżiv ta' taħt il-baħar, jista' jsir sajd sentinella sabiex tinġabar *data* dwar il-qabda tal-iskampu għal kull unità tal-isforz fl-unità funzjonali 31 fid-diviżjoni 8c tal-ICES. L-ICES huwa tal-parir li ma għandhomx jinqabdu iktar minn 0,7 tunnellati ta' skampu. Għalhekk jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-iskampu jiġu emendati sabiex jiġi previst dak is-sajd sentinella.

Il-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant

Fit-28 ta' Marzu 2019, l-ICES ħareġ il-parir tiegħu dwar il-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant (fl-Iskagerrak, fil-Kattegat u fit-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana fil-Fossa Norveġiża). Wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, ġie deċiż li l-UE għandha tingħata allokazzjoni ta' 2 010 tunnellati b'rabta mal-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana fl-Iskagerrak.

Il-pollakkju l-iswed fil-Baħar tat-Tramuntana

Fit-22 ta' Frar 2019, l-ICES ħareġ il-parir aġġornat tiegħu dwar il-qabdiet tal-pollakkju l-iswed (*Pollachius virens*) fis-subżoni 4 u 6 tal-ICES u fid-diviżjoni 3a tiegħu. Abbażi ta' dan il-parir u wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, jenħtieġ li l-qabda totali permissibbli (it-TAC) għall-pollakkju l-iswed tiġi emendata kif xieraq skont il-livell tar-rendiment massimu sostenibbli.

Il-laċċ ikħal fil-Baħar tat-Tramuntana

Fit-12 ta' April 2019, l-ICES ħareġ il-parir annwali tiegħu dwar il-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar tat-Tramuntana. Skont il-parir tal-ICES, jenħtieġ li ma jinqabdux iktar minn XXX tunnellati ta' laċċ ikħal fil-Baħar tat-Tramuntana bejn l-1 ta' Lulju 2019 u t-30 ta' Ġunju 2020. Għalhekk jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal jiġu stabbiliti skont dan.

Il-limiti tal-isforz tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT

Waqt il-21 laqgħa speċjali tagħha li saret fl-2018, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) adottat ir-Rakkomandazzjoni 18-02 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. Dak il-pjan ta' ġestjoni jsegwi l-parir tal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika li fl-2018 jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-istokk minħabba li l-istat attwali tal-istokk ma għadux jeħtieġ il-miżuri ta' emerġenza li kienu ddaħħlu fil-kuntest tal-pjan għall-irkupru tat-tonn (ir-Rakkomandazzjoni 17-07 li temenda r-Rakkomandazzjoni 14-04). Il-pjan ta' ġestjoni jqis l-ispeċifiċitajiet tat-tipi ta' rkaptu u ta' tekniki tas-sajd differenti. Għalhekk qed jiġu riveduti d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforz tas-sajd u dwar l-ammont massimu ta' tonn fil-friema tat-tonn.

2019/0117 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124[2] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(2) Il-Pjan Pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent[3], li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 2019, ħassar il-pjan għall-irkupru tal-merluzz tan-Nofsinhar u tal-iskampu[4]. Il-limiti tal-isforz tas-sajd mogħtija fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 kienu ġew stabbiliti skont dak il-pjan ta' rkupru. Minħabba li l-istokkijiet ikkonċernati se jibdew jiġu ġestiti skont id-dispożizzjonijiet tal-Pjan Pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent billi jiġu stabbiliti limiti tal-qbid sabiex tinkiseb rata ta' mortalità mis-sajd fil-mira li tkun fil-meded tal-F_{MSY}, ma għadx hemm bżonn ikomplu jiġu stabbiliti limiti tal-isforz tas-sajd għall-flotot li jistadu għal dawk l-istokkijiet. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II jitħassar.

(3) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) ħareġ parir xjentifiku biex ma jinqabadx merlangu (*Merlangius merlangus*) fid-diviżjoni 7a tiegħu (jiġifieri fil-Baħar Irlandiż). It-TACs tal-qabdiet aċċessorji ta' dak l-istokk għall-2019 ġew stabbiliti biex jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-fatt li jitkompla s-sajd minħabba l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi gravi li jista' jkun hemm jekk dan ma jseħħx u l-ħtieġa li jinkiseb stat bijoloġiku tajjeb ta' dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà li, f'sajd imħallat, l-istokkijiet kollha jiġu mistada fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli fl-istess ħin. L-analiżi xjentifika aġġornata li għamel il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) dwar l-istat tal-merlangu (*Merlangius merlangus*) fid-diviżjoni 7a tiegħu u dwar il-qabdiet aċċessorji ta' dan l-istokk li ma jistgħux jiġu evitati waqt is-sajd għal ħut ieħor tipprevedi xenarju fejn kollox jibqa' kif inhu, li fih huwa stmat li se jkun hemm qabdiet korrispondenti ta'

---

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċi żgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).

1 385 tunnellata. Abbażi ta' din l-analiżi xjentifika, jenħtieġ li l-qabda totali permissibbli (it-TAC) tiġi emendata biex tkun tirrifletti ammont li jnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju li l-istaġun tas-sajd jingħalaq kmieni, filwaqt li jippermetti lill-bijomassa tal-istokk riproduttiv tkompli tirkupra. Jenħtieġ li l-livell tat-TACs ikun jirrifletti wkoll il-fatt li ma tiżdiedx ir-rata ta' mortalità għal dan l-istokk u li dan ikun jipprovdi inċentiv biex jitjiebu s-selettività u l-evitar.

(4) F'Diċembru tal-2018, l-Istati Membri kkonċernati qablu li jikkooperaw fil-Grupp tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral biex iħejju pjan pluriennali għat-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji u li jaħdmu mill-qrib mal-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Majjistral biex jagħmlu dan. Jenħtieġ li dan il-pjan jiżgura li, fil-każ tal-ħames stokkijiet ikkonċernati, fosthom tal-merlangu fil-Baħar Irlandiż li, skont il-parir tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES), ma għandux jinqabad fl-2019, il-qabdiet aċċessorji jitnaqqsu permezz ta' miżuri tas-selettività u tal-evitar. Il-Kummissjoni beħsiebha tibgħat dan il-pjan lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (is-STECF) biex dan jivvaluta l-effettività tiegħu waqt il-Laqgħa Plenarja tiegħu li se ssir f'Lulju tal-2019. Jekk il-valutazzjoni tas-STECF turi li l-pjan għat-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji mhux se jkollu l-effett mixtieq li jnaqqas ir-rata tal-mortalità mis-sajd marbuta mal-qabdiet aċċessorji, il-Kummissjoni se tqis miżuri oħrajn biex titnaqqas ir-rata tal-mortalità mis-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati.

(5) Skont il-parir tal-ICES tat-28 ta' Marzu, jenħtieġ li bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 ma jinqabdux iktar minn 0,7 tunnellati ta' skampu (*Nephrops norvegicus*) fl-unità funzjonali 31 fid-diviżjoni 8c tal-ICES. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-iskampu fl-unità funzjonali 31 fid-diviżjoni 8c tal-ICES jiġu stabbiliti skont dan.

(6) Fit-28 ta' Marzu 2019, l-ICES ħareġ il-parir tiegħu dwar il-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant (fl-Iskagerrak, fil-Kattegat u fit-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana fil-Fossa Norveġiża). Abbażi ta' dak il-parir u wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, jixraq li l-kwota tal-Unjoni għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES tiġi stabbilita bħala kwota ta' 2 010 tunnellati skont il-livell tar-rendiment massimu sostenibbli.

(7) Fit-22 ta' Frar 2019, l-ICES ħareġ il-parir aġġornat tiegħu dwar il-qabdiet tal-pollakkju l-iswed (*Pollachius virens*) fil-Baħar tat-Tramuntana. Abbażi ta' dan il-parir u wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, jenħtieġ li t-TAC għall-pollakkju l-iswed tiġi emendata kif xieraq skont il-livell tar-rendiment massimu sostenibbli.

(8) Skont il-parir tal-ICES tat-12 ta' April 2019, jenħtieġ li bejn l-1 ta' Lulju 2019 u t-30 ta' Ġunju 2020 ma jinqabdux iktar minn XXX tunnellati ta' laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar tat-Tramuntana. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal fid-diviżjoni 2a tal-ICES (jiġifieri fil-Baħar Norveġiż) u fis-subżona 4 tal-ICES (jiġifieri fil-Baħar tat-Tramuntana) jiġu stabbiliti skont dan.

(9) Waqt il-21 laqgħa speċjali tagħha li saret fl-2018, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) adottat ir-Rakkomandazzjoni 18-02 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. Dak il-pjan ta' ġestjoni jsegwi l-parir tal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika li fl-2018 jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-istokk minħabba li l-istat attwali tal-istokk ma għadux jeħtieġ il-miżuri ta' emerġenza li kienu ddaħħlu fil-kuntest tal-pjan għall-irkupru tat-tonn (ir-Rakkomandazzjoni 17-07 li temenda r-Rakkomandazzjoni 14-04). Il-pjan ta' ġestjoni jqis l-ispeċifiċitajiet tat-tipi ta' rkaptu u ta' tekniki tas-sajd differenti. Għalhekk jixraq

li jiġu riveduti d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforz tas-sajd u dwar l-ammont massimu ta' tonn fil-friema tat-tonn.

(10) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2019/124 bdew japplikaw fl-1 ta' Jannar 2019. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid ukoll ikunu japplikaw minn dik id-data. It-tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.

(11) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/124 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/124 huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassar l-Artikolu 9(a);

(2) l-Anness IA tar-Regolament (UE) 2019/124 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament;

(3) jitħassar l-Anness IIA;

(4) l-Anness IV huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President